

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

A6-0166/2008

22.4.2008

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa rigward l-iskema ta' appoġġ għall-qoton (COM(2007)0701 – C6-0447/2007 – 2007/0242(CNS))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Ioannis Gklavakis

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovrji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	27
PROĊEDURA	31

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa rigward l-iskema ta' appoġġ għall-qoton (COM(2007)0701 – C6-0447/2007 – 2007/0242(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0701),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 37(2), it-tielet subparagrafu, tat-Trattat KE, li permezz tiegħu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0447/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0106.2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) B'sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fis-7 ta' Settembru 2006 fil-kawża C-310/04 il-Kapitolu 10a

Emenda

B'sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fis-7 ta' Settembru 2006 fil-kawża C-310/04 il-Kapitolu 10a

tat- Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 kien annullat għall-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, partikolarment b'referenza għaċ-ċirkostanza li "l-Kunsill, awtur tar-Regolament (KE) Nru 864/2004, ma stabbilixxiex quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-iskema l-għdida ta' għajnuna għall-qoton stabbilita minn dan ir-Regolament kienet ġiet adottata permezz ta' eżerċizzju effettiv tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, li implika t-teħid in kunsiderazzjoni ta' l-elementi u ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti f'dan il-każ, li fosthom hemm l-ispejjeż tas-salarji kollha marbuta mal-kultivazzjoni tal-qoton u l-vijabbiltà ta' l-impriżi tal-ħalg, li t-teħid in kunsiderazzjoni tagħhom kien neċessarju għall-evalwazzjoni tal-profittabbiltà ta' din il-kultivazzjoni" u li l-Qorti ma setgħetx "tivverifika jekk il-leġiżlatur Komunitarju setax, mingħajr ma jeċċedi l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu li huwa għandu fil-qasam, jasal għall-konklużjoni li l-istabbiliment ta' l-ammont ta' l-għajnuna speċifika għall-qoton għal 35 % tat-total ta' l-għajnuna eżistenti fl-iskema ta' għajnuna preċedenti huwa biżżejjed sabiex jiġi garantit l-għan espost fil-ħames premessa tal-prejambolu tar-Regolament Nru 864/2004, **li huwa li tiġi assigurata l-profittabbiltà u, għaldaqstant, it-tkomplija ta' din il-kultivazzjoni, għan li jirrifletti dak preskrit fil-paragrafu 2 tal-Protokoll Nru 4". Il-Qorti ordnat ukoll li l-effetti ta' l-annullament jiġu sospiżi sa' l-adozzjoni, fi żmien raġonevoli, ta' regolament għdid.**

tat- Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 kien annullat għall-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, partikolarment b'referenza għaċ-ċirkostanza li "l-Kunsill, awtur tar-Regolament (KE) Nru 864/2004, ma stabbilixxiex quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-iskema l-għdida ta' għajnuna għall-qoton stabbilita minn dan ir-Regolament kienet ġiet adottata permezz ta' eżerċizzju effettiv tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, li implika t-teħid in kunsiderazzjoni ta' l-elementi u ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti f'dan il-każ, li fosthom hemm l-ispejjeż tas-salarji kollha marbuta mal-kultivazzjoni tal-qoton u l-vijabbiltà ta' l-impriżi tal-ħalg, li t-teħid in kunsiderazzjoni tagħhom kien neċessarju għall-evalwazzjoni tal-profittabbiltà ta' din il-kultivazzjoni" u li l-Qorti ma setgħetx "tivverifika jekk il-leġiżlatur Komunitarju setax, mingħajr ma jeċċedi l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu li huwa għandu fil-qasam, jasal għall-konklużjoni li l-istabbiliment ta' l-ammont ta' l-għajnuna speċifika għall-qoton għal 35 % tat-total ta' l-għajnuna eżistenti fl-iskema ta' għajnuna preċedenti huwa biżżejjed sabiex jiġi garantit l-għan espost fil-ħames premessa tal-prejambolu tar-Regolament Nru 864/2004, **li l-kalkolu ta' l-ammont ta' għajnuna speċifika għall-qoton isir b'mod li jiggarrantixxi l-kundizzjonijiet ekonomiċi li jippermettu li tiġi żgurata t-tkomplija ta' l-attività fir-reġjuni tajbin għal din il-kultivazzjoni, kif ukoll li jevita li din il-kultivazzjoni ma teħux post kultivazzjonijiet oħrajn;**

Ġustifikazzjoni

En el punto 100 de la Sentencia C-310/04 se recoge el literal propuesto, y expresa el término exacto de la concreción del objetivo del Protocolo. Es un hecho que el régimen en vigor ha provocado en España un descenso del 30% de la superficie sembrada de algodón, y que por tanto se ha producido la sustitución del algodón por otros cultivos al dejar de ser rentable la siembra con el importe de la ayuda específica fijada en el 35%. Por tanto, los instrumentos propuestos (65% de ayuda desacoplada y 35% acoplada) no garantizan que se evite su

sustitución por otros cultivos, que es el objetivo de este régimen de ayudas No se trata, de mantener cualquier nivel de ayuda específica, sino aquel que permita mantener la superficie en cultivo.

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Jeħtieġ li skema ġdida għal ħlas speċifiku għall-qoton tiġi adottata konformi mas-sentenza tal-Qorti fil-kawża C-310/04.

Emenda

3) Jeħtieġ li skema ġdida għal ħlas speċifiku għall-qoton tiġi adottata konformi mas-sentenza tal-Qorti fil-kawża C-310/04 u **li, skond d-deskrizzjoni tagħha li tagħti s-sentenza tal-Qorti bħala l-objettiv formulat fil-premessa 5 tar-regolament (KE) Nru 864/2004, għandu jiggaratixxi profitt li jippermetti t-tkomplija tal-kultivazzjoni tal-qoton b'mod sostenibbli.**

Ġustifikazzjoni

Jerġa' jitpoġġa enfasi fuq il-ħtieġa li l-proposta għal Regolament il-ġdida tiżgura li t-tkabbir tal-qoton ikun vijabbli u sostenibbli.

Emenda 3

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-qoton huwa kkultivat l-aktar f'reġjuni li l-prodott gross intern tagħhom huwa wieħed fost l-aktar baxxi ta' l-Unjoni, b'ekonomija marbuta mill-qrib ma' l-agrikoltura. F'dawn il-meded, it-tkabbir tal-qoton u l-industrija ta' ħalġ li tappoġġah huma għejjun primarji ta' dħul u ta' impjiegi, li f'ċerti każijiet jammonta għal aktar minn 80 % ta' l-attività fl-inħawi fejn huma stabbiliti. Barra minn

*hekk, il-kundizzjonijiet tal-ħamrija f'ċerti
nħawi huma tali li, mill-lat agronomiku,
ebda wiċċ alternattiv ma jkun jista' jiġi
stabbilit fuq medda qasira ta' żmien.*

Emenda 4

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(3b) L-iskema attwali ta' għajnuna għall-
qoton hi ta' natura speċifika ħafna. L-
gherug tagħha jinsabu fit-Trattati ta'
Adeżjoni tal-Greċja, Spanja u l-Portugall
u fost l-oġġettivi partikulari tagħha huwa
li tiġi appoġġjata l-produzzjoni tal-qoton
f'ċerti reġjuni Komunitarji li issa huma
dipendenti fuq dan il-prodott, li tipprovdi
qligħ xieraq lill-produtturi konċernati u li
tikseb stabbiltà tas-suq.*

Emenda 5

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-iskema l-ġdida għandha tilħaq l-
għanijiet, stabbiliti fil-paragrafu 2 tal-
Protokoll Nru 4 dwar il-qoton anness għall-
Att ta' Adeżjoni tal-Greċja ('Protokoll 4'),
**għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-qoton fir-
reġjuni tal-Komunità fejn huwa
importanti għall-ekonomija agrikola, biex
il-produtturi kkonċernati jkollhom dħul
tajjeb, u biex tistabilizza s-suq permezz ta'
titjib strutturali fuq livell ta' forniment u
kummerċjalizzazzjoni.**

(4) L-iskema l-ġdida għandha tilħaq l-
għanijiet, stabbiliti fil-paragrafu 2 tal-
Protokoll Nru 4 dwar il-qoton anness għall-
Att ta' Adeżjoni tal-Greċja ('Protokoll 4'),
**jiġifieri l-appoġġ tal-produzzjoni tal-qoton
fir-reġjuni tal-Komunità fejn huwa
importanti għall-ekonomija agrikola ,u
għall-istruttura soċjali, biex jingħata lill-
produtturi kkonċernati dħul tajjeb, u biex
tistabilizza s-suq permezz ta' titjib
strutturali fuq livell ta' forniment u**

kummerċjalizzazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Además de los aspectos económicos que son de gran importancia, el algodón es en muchos casos un cultivo muy extendido en ciertas zonas rurales en las que tiene una notable relevancia para el mantenimiento del tejido social de la zona. Por lo que el abandono del cultivo en dichas zonas, así como la imposibilidad de introducir otro cultivo en la rotación, podría causar una desintegración de la estructura social de dichas zonas. Se justifica además en que los términos propuestos en la enmienda son los términos exactos que figuran en el Protocolo y se considera que los propuestos por la Comisión minusvaloran las verdaderas intenciones del Protocolo. No es lo mismo apoyar que sostener.

Emenda 6

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-elementi u ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti f'din is-sitwazzjoni speċifika tas-settur tal-qoton, inkluż l-elementi meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-profitabbiltà ta' din il-kultivazzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati. Għal dan il-għan, beda proċess ta' evalwazzjoni u konsultazzjoni: twettqu żewġ studji dwar l-impatt soċjoekonomiku u dak ambjentali fuq is-settur tal-qoton fil-Komunità li jista' jkollha l-iskema ta' appoġġ għall-qoton u għalhekk seminars speċifiċi u konsultazzjoni fuq l-internet ġew organizzati mal-partijiet interessati.

Emenda

(5) L-elementi u ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti f'din is-sitwazzjoni speċifika tas-settur tal-qoton, inkluż l-elementi meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-profitabbiltà ta' din il-kultivazzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati. ***Il-qoton jikber f'reġjuni li għandhom jikkwalifikaw bħala reġjunijiet li huma eliġibbli taħt l-għan tal-konverġenza għall-perjodu 2007-2013 u li għandhom ekonomija essenzjalment agrikola bi ftit uċuh alternattivi. Barra minn hekk, it-tkabbir tal-qoton u l-agri-industrija assoċjata miegħu huma sors ewlenija ta' impjegi u ta' ġid kbir f'dawn l-inħawi. Għalhekk, beda proċess ta' evalwazzjoni u konsultazzjoni: twettqu żewġ studji dwar l-impatt soċjoekonomiku u dak ambjentali fuq is-settur tal-qoton fil-Komunità li jista' jkollha l-iskema ta' appoġġ għall-qoton u għalhekk seminars speċifiċi u konsultazzjoni fuq l-internet ġew organizzati mal-partijiet interessati.***

Emenda 7

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Id-diżakkopjar ta' appoġġ dirett għall-produttur u l-introduzzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku huma elementi essenzjali fil-proċess tar-riforma tal-politika agrikola komuni (PAK) li timmira lejn politika ta' appoġġ inqas ibbażata fuq prezzijiet u produzzjoni u aktar fuq politika ta' appoġġ għad-dħul tal-bdiewa. Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 introduċa **dawk l-elementi** għal bosta prodotti agrikoli.

Emenda

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 introduċa ***d-diżakkopjar ta' għajna diretta għall-produtturi u skema ta' pagament uniku*** għal bosta prodotti agrikoli

Ġustifikazzjoni

Este fue el texto que se propuso en el informe del PE en la reforma de 2003. La propuesta de la Comisión considera la disociación de las ayudas como un elemento fundamental del proceso de reforma de la PAC, pero ello no puede suponer la desaparición de un cultivo como el algodón, tan importante para la economía de las zonas productoras. Es cierto que la disociación se ha establecido en muchos sectores, pero también lo es que en otros muchos no se ha hecho y además no tenían un protocolo específico de ayuda. El caso más reciente es el lino y el cáñamo en el que para asegurar su aprovechamiento como fibra textil, se mantiene la ayuda acoplada a la producción y una ayuda específica a la industria para la transformación. Este régimen que debía haberse reformado en 2003 esta siendo prorrogado desde entonces y la última vez ha sido hace dos semanas, para 2009.

Emenda 8

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Integrazzjoni kompluta fl-iskema ta' pagament uniku ta' l-iskema ta' appoġġ fis-settur tal-qoton aktarx joħloq riskju sinifikanti ta' tħarbit fil-produzzjoni tar-reġjuni fil-Komunità li jipproduċu l-qoton. Parti mill-appoġġ għandu għalhekk ikompli jkun marbut mal-kultivazzjoni tal-qoton permezz ta' pagament speċifiku għal

Emenda

(8) Integrazzjoni kompluta fl-iskema ta' pagament uniku ta' l-iskema ta' appoġġ fis-settur tal-qoton aktarx joħloq riskju sinifikanti ta' tħarbit fil-produzzjoni tar-reġjuni fil-Komunità li jipproduċu l-qoton. Parti mill-appoġġ għandu għalhekk ikompli jkun marbut mal-kultivazzjoni tal-qoton permezz ta' pagament speċifiku għal

prodotti taż-żoni tar-raba' għal kull ettaru eliġibbli. Dan l-ammont għandu jkun ikkalkulat b'tali mod li jintlaħqu l-għanijiet stipulati fil-paragrafu 2 tal-Protokoll 4 filwaqt li l-iskema tal-qoton tidħol fil-proċess ġenerali tar-riforma u s-simplifikazzjoni tal-PAK. Għal dan il-għan, fid-dawl ta' l-evalwazzjoni mwettqa, huwa ġustifikat li l-għajnuna totali disponibbli għal kull ettaru għal kull Stat Membru *huwa fissat* għal 35 % tas-sehem nazzjonali ta' l-għajnuna li ngħata indirettament lill-produtturi. It-tali rata tippermetti lis-settur tal-qoton sabiex jersaq lejn vijabbiltà fit-tul, tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni li jipproduċu l-qoton u tiżgura dħul ġust għall-bdiewa.

prodotti taż-żoni tar-raba' għal kull ettaru eliġibbli. Dan l-ammont għandu jkun ikkalkulat b'tali mod li jintlaħqu l-għanijiet stipulati fil-paragrafu 2 tal-Protokoll 4 filwaqt li l-iskema tal-qoton tidħol fil-proċess ġenerali tar-riforma u s-simplifikazzjoni tal-PAK. Għal dan il-għan, fid-dawl ta' l-evalwazzjoni mwettqa, huwa ġustifikat li l-għajnuna totali disponibbli għal kull ettaru għal kull Stat Membru *tiġi ffissata skond ix-xewqat murija mill-Istat Membru u ma tkunx anqas minn* 35 % tas-sehem nazzjonali ta' l-għajnuna li ngħata indirettament lill-produtturi *fl-ambitu tas-sussidjarjità*. It-tali rata tippermetti lis-settur tal-qoton sabiex jersaq lejn vijabbiltà fit-tul, tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni li jipproduċu l-qoton u tiżgura dħul ġust għall-bdiewa.

Ġustifikazzjoni

Sakemm l-Istati Membri jqisu li l-vijabilità tal-fabbriki tal-ħalg tagħhom tiddependi mill-ammont ta' l-għajnuna akkoppjata, jaqbel li huma jkun jistgħu jagħżlu perċentwali differenti ta' għajnuna akkoppjata, li madankollu ma tistax tkun ta' inqas minn 35%.

Emenda 9

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) *Il-65 % ta' s-sehem nazzjonali ta' l-għajnuna li jifdal li ngħata indirettament lill-produtturi għandu jkun **disponibbli** għall-iskema ta' pagament uniku.*

Emenda

(9) *Il-persentaġġ tas-sehem nazzjonali ta' l-għajnuna li jifdal li ngħata indirettament lill-produtturi għandu jkun **destinat** għall-iskema ta' pagament uniku, **persentaġġ li għandu jkun bejn l-20% u l-65%**,*

Ġustifikazzjoni

Jekk l-Istati Membri huma tal-fehma li l-vijabilità tas-settur tiddependi mill-perċentwali ta' għajnuna diżakkoppjata, dawn għandhom ikunu jistgħu jagħżlu xi perċentwal ieħor different mill-pagament uniku, li ma jistax jeċċedi l-65% jew ikun inqas minn 20%.

Emenda 10

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Għal raġunijiet ambjentali, għandha tkun stabbilita medda bażi għal kull Stat Membru **sabiex jiġu limitati l-meded miżrugħa bil-qoton**. Barra minn hekk, il-meded eliġibli għandhom ikunu ristretti għal dawk li huma awtorizzati mill-Istati Membri.

Emenda

(10) Għandha tkun stabbilita medda bażi għall-kultivazzjoni għal kull Stat Membru, **filwaqt li tingħata prijorità lill-inħawi fejn tradizzjonalment jtkabbar il-qoton sabiex jiġi żgurati li t-tkabbir tal-qoton ikompli fl-inħawi fejn il-produzzjoni tiegħu għandha importanza partikulari għall-ekonomija agrarja**. Barra minn hekk, il-meded eliġibli għandhom ikunu ristretti għal dawk li huma awtorizzati mill-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni

Il-ħarsien ta' l-ambjent m'għandux jissewma bħala argument għat-tnaqqis fid-daqs tal-medda użata għat-tkabbir tal-qoton minħabba li l-illum il-ġurnata ħafna mit-tkabbir tal-qoton issir permezz ta' sistemi (bħall-produzzjoni integrata) li huma tajba għall-ambjent. Fi kwalunkwe każ, hemm raġunijiet sinifikanti oħra (raġunijiet baġitarji, pereżempju) sabiex jiġi limitat id-daqs tal-meded tat-tkabbir.

Emenda 11

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Il-firxa, u għalhekk l-ammont ta' għajjnuna akkoppjata li tingħata lill-produtturi għandha tkun adattata skond l-informazzjoni tas-sitwazzjoni attwali, b'rispett għan-newtralità finanzjarja tas-settur.

Ġustifikazzjoni

Wieħed għandu jadatta ruħu għall-fatti tas-sitwazzjoni eżistenti fis-suq sabiex ma jiġux

ipperikolati l-agrikolturi u jiġi evitat li r-riżorsi tas-settur tal-kultivazzjoni tal-qoton jintilfu.

Emenda 12

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 10 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Fejn is-soluzzjonijiet ta' sostituzzjonijiet possibbli huma limitati, jeħtieġ li jiġu previsti mekkaniżmi ta' ghajjnuna li jiggarrantixxu l-profitt mill-kultivazzjoni u t-tkomplija tagħha fir-reġjuni ta' produzzjoni ta' l-Unjoni. Għal dan il-għan, ikun jaqbel li l-Istati Membri jkunu awtorizzati li jżidu l-ghajjnuna mhux diżakkoppjata f'każijiet fejn il-medda tat-tkabbir tkun iżgħar mill-medda ta' produzzjoni bażika (għalkemm din l-azzjoni trid tkun finanzjarjament newtrali u jrid jinholq limitu massimu għall-ammont ta' ghajjnuna mogħtija lill-bdiewa).

Emenda 13

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet ta' l-industrija tal-ħalġ, l-eliġibiltà għall-ghajjnuna għandha tkun relatata mal-kwalità minima tal-qoton li nħasad.

(11) Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom jistipulaw il-livell ta' ghajjnuna kkoppjata bejn il-limiti msemmija hawn fuq u għandha tkun stabbilita l-kwalità minima tal-qoton li nħasad, sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jgawdu minn din l-ghajjnuna.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li t-tkabbir tal-qoton ikompli u li l-industrija tal-ħalġ tiġi pprovduta b'qoton ta' kwalità għolja, jeħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistipulaw il-livell ta'

għajjnuna akkoppjata u anke jistipulaw il-kriterji ta' kwalità li l-bdiewa jeħtieġ li jissodisfaw sabiex jiżguraw aċċess għall-għajjnuna. Jekk l-Istati Membri ma jkollhomx din l-għażla, l-obbligu li jinħasdu l-pjantaġuni tal-qoton ser jagħmel lill-farms inqas vijabbli.

Emenda 14

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Minħabba x-xejriet negattivi fil-produzzjoni tal-qoton fl-Istati Membri, l-industrija tal-ħalġ daħlet fi proċess ta' ristrutturazzjoni li għandu jkun akkumpanjat minn miżuri ta' appoġġ imfassla sabiex jiżguraw li l-unitajiet li huma mġiegħla jerġgħu jorjentaw mill-ġdid l-attività ta' produzzjoni tagħhom ikollhom tranżizzjoni bla problemi. Għa dan il-għan ikun jista' jitwaqqaf fond għar-ristrutturazzjoni tal-qoton li jkun iffinanzjat mill-baġit tas-COM.

Emenda 15

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Isir importanti li jkun possibli li jiġu adottati miżuri ta' appoġġ li jippermettu li tissaħħaħ il-kompetittività. Dawn il-miżuri għandhom ikunu definiti u ffinanzjati mill-Komunità. Huma l-Istati Membri li għandhom jagħżlu minn fost il-miżuri dawk li huma jqisu bħala effikaċi u adattati għall-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni rispettivi tagħhom, u li jintegrawhom fil-programmi nazzjonali ta' appoġġ tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Jidher li huwa neċessarju l-ħolqien ta' "portafoll nazzjonali" li jkun jinkludi azzjonijiet li fosthom l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu dawk li huma jqisu bħala l-iktar effikaċi, fuq il-mudell tal-COM ta' l-inbid u tal-COM tal-frott u l-ħaxix, jekk wieħed irid jappoġġja l-kompetittività tal-produzzjoni Komunitarja tal-qoton.

Emenda 16

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 12 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Il-programmi ta' appoġġ nazzjonali għandhom ikunu finanzjati essenzjalment mill-fondi trasferiti skond l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u mill-fondi mhux assorbiti li kienu mogħtija għall-ghajjnuna mhux diżakkoppjata.

Ġustifikazzjoni

Skond Artikolu 69, il-finanzjament diġà jista' jingħata għal ċerti miżuri mfassla sabiex titjieb il-kwalità u tiġi modernizzata l-produzzjoni, għaldaqstant dan l-artikolu jista' jiġi użat sabiex ikopri l-programmi nazzjonali proposti mir-rapporteur.

Emenda 17

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 12 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12b) Il-finanzjament tal-programmi nazzjonali ta' appoġġ għandu jiġi żgurat permezz ta' perċentwali ta' l-ghajjnuna akkoppjata, kif ukoll permezz tal-krediti li, minħabba t-tnaqqis ta' l-art ikkultivata li tkun anqas mil-limitu ta' meded bażi, ma jiġux użati mill-ghajjnuna akkoppjata, biex b'hekk tinżamm in-newtralità finanzjarja tas-settur.

Ġustifikazzjoni

Il-finanzjament tal-"portafoll nazzjonali" m'għandux ikun ta' piż fuq il-baġit Komunitarju, iżda għandu jiġi minn ekonomiji magħmula fis-settur.

Emenda 18

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 12 d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12c) Fost il-miżuri li jistgħu jaqgħu taħt il-programmi nazzjonali ta' appoġġ hemm il-miżuri li għandhom l-iskop li jirristrutturaw il-varjetajiet, li jimmodernizzaw il-kultivazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur tal-qoton, li jappoġġjaw metodi ta' kultivazzjoni fir-rispett ta' l-ambjent, li jippromwovu riċerka bbażata fuq il-ħolqien ta' varjetajiet imtejba fil-kwalità tagħhom, kif ukoll azzjonijiet ta' promozzjoni u miżuri li jkollhom l-iskop li jimmodernizzaw il-fabbriki tal-ħalġ.

Ġustifikazzjoni

Il-lista tal-miżuri li jistgħu jiġu finanzjati mill-"portafoll nazzjonali" għandu jkun fiha azzjonijiet għat-tisħiħ tal-vijabilità u tal-kompetittività tal-produzzjoni Komunitarja tal-qoton.

Emenda 19

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 12 e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12d) Sabiex tiġi mħeġġa l-produzzjoni ta' kwalità għolja, jaqbel li jinholq inċentiv għall-kwalità fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' appoġġ. Dan l-inċentiv suppost għandu jikkonċerna l-finanzjament tal-miżura li jkollha l-għan li ssaħħaħ il-kwalità tal-qoton u għandu jingħata lill-produtturi li jipproduċu prodott ta' kwalità eċċezzjonali, bi qbil

mal-kriterji ffissati mill-Istat Membru kkonċernat sabiex tittiejeb il-produzzjoni fuq il-livell kwalitattiv u tissaħħaħ il-kompetittività tal-qoton tal-Komunità.

Ġustifikazzjoni

L-ghajjnuna għall-produzzjoni ta' qoton ta' kwalità tista' tiġi ffinanzjata minn "portafoll nazzjonali" li jieħu kont ta' l-isforzi magħmula mill-produtturi u jagħtihom kumpens għal dan.

Emenda 20

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 12 g (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

12g) Fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 864/2004, li qed jiġi abrogat, ġie propost li l-ammont ta' EUR 22 000 000 (li jirrapreżenta 2,74% ta' l-ghajjnuna) issa għandu jibda jaq' taħt it-tieni pilastru u għandu jkun ibbażat fuq ir-ristrutturazzjoni tar-reġjuni li jipproduċu l-qoton. Sabiex jittieħdu kemm jista' jkun vantaġġi mill-krediti għas-settur, ikun jaqbel li din iċ-ċifra tinġieb taħt l-ewwel pilastru, u li tiġi inkluża fil-finanzjament tal-programmi nazzjonali ta' appoġġ.

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċifra ta' EUR 22 miljun ġeġja mill-ewwel pilastru, u jaqbel li tibqa' taqa' taħt l-ewwel pilastru sabiex jittieħdu kemm jista' jkun vantaġġi minn din iċ-ċifra permezz tal-programmi nazzjonali ta' appoġġ.

Emenda 21

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 13a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-qoton għandhom jibqgħu fis-seħħ sa l-

2013.

Ġustifikazzjoni

L-iskema l-ġdida ta' għajjnuna għall-qoton m'għandhiex tiġi riveduta sa l-2010, hekk kif previst fl-Artikolu 155 (a) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Il-produtturi Komunitarji tal-qoton għandhom ikunu jistgħu jistrieħu fuq qafas regolamentari stabbli sabiex ikunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom.

Emenda 22

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 13 b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13b) Minn meta daħlet fis-seħħ ir-riforma tas-settur tal-qoton li ġiet approvata fl-2004 u annullata mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (Deċiżjoni C-310/04), il-produzzjoni naqset b'mod konsiderevoli u b'konsegwenza l-partijiet kollha involuti ġarrbu telf ekonomiku – telf li għandu jiġi vvalutat kif jixraq sabiex jagħmilha possibbli li jingħata kumpens għat-telf li sar.

Emenda 23

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 13 c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13c) Sabiex tiġi faċilitata t-tranżizzjoni mill-iskema preċedenti ta' għajjnuna għall-qoton għall-iskema stabbilita skond dan ir-Regolament, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri sa biex jiġi ristrutturati is-settur tal-halg.

Ġustifikazzjoni

Minkejja li ma kienx hemm titjib fil-koeffiċjent ta' l-għajjnuna akkoppjata, jidher ċar li mhux

se jerġa' jkun hemm il-livelli ta' produzzjoni miksuba qabel ir-riforma li seħħet fl-2006. Ir-rikonoxximent min-naħa tal-Kummissjoni tal-ħsara li saret lill-industrija u l-ħtieġa li l-kapaċità tal-ħalġ tiġi adattata għas-sitwazzjoni l-ġdida joħloq il-ħtieġa – kif jixraq – li jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' ristrutturazzjoni, bħall-arranġamenti simili li saru fil-każ tas-settur taz-zokkor u dak tas-sajd, fost l-oħrajn.

Emenda 24

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110 a – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Perċentwali ta' l-ghajjnuna jista' jintuża għal miżuri li jipromwovu s-sostenibilità tas-settur permezz ta' programmi speċjalizzati skond skemi nazzjonali sottomessi mill-Istati Membri produttori u approvati skond il-proċedura tal-kumitat ta' mmaniġġjar. Dawn il-programmi jistgħu jinkludu politiki ta' prevenzjoni u mmaniġġjar tal-kriżijiet imma ukoll miżuri mhux koperti mill-iżvilupp rurali sabiex titjeb is-sostenibilità tas-settur.

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' Protokoll 4 ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja fl-UE jiġġustifika li jittieħdu miżuri speċjali fis-settur tal-qoton sabiex tiġi promossa l-produzzjoni sostenibbli fid-dawl ta' l-importnaza tas-settur għal xi reġjuni ta' l-UE.

Emenda 25

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110b – Paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a L-Istati Membri li jipproduċu jistgħu

jistipulaw termini u kundizzjonijiet addizzjonal relatati maż-żriġh, it-tkabbir, il-ħsad u l-ikkunsenjar ta' qoton lill-industriji tal-halg, bil-għan li fil-meded ta' produzzjoni jibqa' jtkabbar il-qoton u jiġi evitat li wċuħ oħra jieħdu post il-qoton.

Ġustifikazzjoni

Dan il-kliem jintroduċi l-kundizzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tas-sussidjarjeta' fi kwalunkwe Stat Membru li jkollu bżonnha.

Emenda 26

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110c – Paragrafu 1 – Inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Il-Greċja: **370,000 ettaru,**

– Il-Greċja: **270,000 ettaru,**

Ġustifikazzjoni

Minħabba t-tnaqqis ġejjieni fit-tkabbir tal-qoton fil-Greċja, il-medda bażi tat-tkabbir għandha tkun ta' 270,000 ettaru u l-ammont ta' l-għajjnuna jrid jiġi aġġustat skond dan.

Emenda 27

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110c – Paragrafu 2 – Inċiż

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Il-Greċja: **EUR 594 għal 300 000 ettaru u EUR 342.85 għas-70 000 ettaru li jibqa',**

– Il-Greċja: **minn EUR 750,**

Ġustifikazzjoni

Minħabba t-tnaqqis fil-futur fit-tkabbir tal-qoton fil-Greċja, il-medda bażi tat-tkabbir għandha tkun ta' 270,000 ettaru u l-ammont ta' l-għajjnuna jrid jiġi aġġustat skond dan.

Emenda 28

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Jekk iż-żona tal-qoton eliġibbli f'Membru Stat partikolari u f'sena partikolari taqbeż iż-żona bażi prevista fil-paragrafu 1, l-għajjnuna msemmija fil-paragrafu 2 għal dak l-Istat Membru titnaqqas b'mod proporzjonali mal-qbiż tal-medda bażi.

Madankollu, għall-Greċja, it-tnaqqis proporzjonali jiġi applikat skond l-ammont ta' għajjnuna stabbilit għall-parti tal-medda bażi nazzjonali komposta mis-70 000 ettaru biex ikun konformi ma' l-ammont globali ta' EUR 202.2 miljun.

Emenda

3. Jekk iż-żona tal-qoton eliġibbli f'Membru Stat partikolari u f'sena partikolari taqbeż iż-żona bażi prevista fil-paragrafu 1, l-għajjnuna msemmija fil-paragrafu 2 għal dak l-Istat Membru titnaqqas b'mod proporzjonali mal-qbiż tal-medda bażi.

Ġustifikazzjoni

Jekk wieħed iqis il-fatt illi, għall-Greċja, ammont uniku għal kull ettaru huwa ffissat għat-totalità tal-medda bażi, ma jidhirx li huwa neċessarju li dan jissemma fit-test tar-regolament.

Emenda 29

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110c – Paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3 a. Fejn il-medda ta' qoton ammissibbli fi Stat Membru speċifiku tkun iżgħar mill-medda bażi stabbilita f'paragrafu 1, l-

ghajjnuna msemija f'subparagrafu 2 għal dak l-Istat Membru għandha tiżdied bi proporzjon mal-medda bażi li ma tkunx ġiet koperta, sa limitu massimu stabbilit permezz tal-proċedura stipulata f'Artikolu 144. Kwalunkwe ammont li ma jintefaqx minħabba tnaqqis fil-produzzjoni għandu jiġi allokati għall-programmi nazzjonali ta' appoġġ.

Ġustifikazzjoni

Ir-reviżjoni tas-sistema applikabbli għas-settur tal-qoton isservi biex jiżdied il-qligħ tal-produtturi Komunitarji fil-limiti stipulati skond il-prinċipju ta' newtralità baġitarja. Għal dan il-għan, hu propost li l-ghajjnuna akkoppjata tiżdied jekk il-medda garantita ma tintlaħaqx. L-ammont ta' ghajjnuna, madankollu, jkun limitat mill-Kumitat ta' Ġestjoni, minkejja li kwalunkwe tfaddil li jirriżulta minn tnaqqis fid-daqs tal-medda miżrugħa għandu jerġa' jiġi investit fis-COM tal-qoton.

Emenda 30

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Regolament (KE) Nru 1782/2003 Artikolu 110d – Paragrafu 1– Inċiż 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– jittieħdu miżuri ta' mmaniġġjar tal-kriżijiet tas-suq.

Emenda 31

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110(ea)(ġdid) – Paragrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 110(ea)

Programmi nazzjonali ta' appoġġ

1. Programmi nazzjonali ta' appoġġ huma stabbiliti sabiex isaħħu l-kompetettività. Il-Komunità għandha tiddetermina u tiffinanzja l-azzjonijiet eleggibbli. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-pakkett ta' miżuri li jqisu li jkun effettiv u li jkun l-aktar adattat għall-partikularitajiet reġjonali tagħhom. Dan il-pakkett ta' miżuri jkun jista' jinkludi fond ta' ristrutturazzjoni għall-industrija tal-ħalġ.

Emenda 32

Proposta għal regolament – att li jemenda Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110(ea)(ġdid) – Paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-programmi nazzjonali ta' appoġġ huma ffinanzjati permezz ta' perċentwali bażika minima ta' 1% ta' l-ammont globali ta' l-għajnuna akkoppjata. Ma' dan l-ammont jiżdedu l-appropriazzjonijiet li ma jintużawx permezz ta' l-għajnuna akkoppjata minħabba t-tnaqqis tal-firxa ta' meded ikkultivati taħt il-limitu tal-meded bażi ta' kull Stat Membru.

Ġustifikazzjoni

Il-finanzjament tal-portafoll nazzjonali għandu jsir permezz taż-żamma ta' perċentwali ta' l-għajnuna akkoppjata, kif ukoll permezz tal-kreditu li ma jintużawx mill-għajnuna akkoppjata dovut għat-tnaqqis kostanti f'kull Stat Membru tal-firxa ta' meded iddedikati għall-kultivazzjoni tal-qoton, taħt il-limitu tal-meded bażi.

Emenda 33

Proposta għal regolament – att li jemenda Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110(ea)(ġdid) – Paragrafu 3 (ġdid)

3. Fil-programmi nazzjonali ta' appoġġ huwa nkluż l-ammont li kien maħsub għar-ristrutturazzjoni tar-reġjuni li jipproduċu l-qoton li jistla' sa EUR 22 000 000 (jiġifieri 2,74% f'għajjnuna) u li kien ġie trasferit għal taħt it-tieni pilastru.

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċifra ta' EUR 22 miljun ġejja mill-ewwel pilastru, u jaqbel li tibqa' taqa' taħt l-ewwel pilastru, sabiex jittieħdu kemm jista' jkun vantaġġi minn din iċ-ċifra permezz tal-programmi nazzjonali ta' appoġġ. Fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 864/2004, li qed jiġi abrogat, ġie propost li dan l-ammont jiġi ttrasferit taħt it-tieni pilastru.

Emenda 34

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110(ea)(ġdid) – Paragrafu 4 (ġdid)

4. Fuq għażla ta' l-Istat Membru u permezz ta' programmi nazzjonali ta' appoġġ, jistgħu jiġu ffinanzjati azzjonijiet bil-għan li jittaffu l-konsegwenzi ta' tnaqqis eventwali tal-produzzjoni u biex ikun hemm ristrutturazzjoni tal-varjetajiet, kif ukoll azzjonijiet bil-għan li tiġi modernizzata l-kultivazzjoni sabiex tittejjeb il-kompetittività tal-prodott. Jingħata appoġġ lil modi ta' kultivazzjoni li jirrispettaw l-ambjent sabiex ikun hemm ġestjoni iktar razzjonali ta' l-ilma u jitnaqqas kemm jista' jkun l-użu ta' prodotti fitosanitarji, tiġi mħeġġa r-riċerka bbażata fuq il-ħolqien ta' varjetajiet mtejba fil-livell kwalitattiv, u wkoll jiġu privileġġjati r-ristrutturazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-fabbriki tal-halg. L-Istati Membri jistgħu jagħtu incēntiv ta' kwalità lill-produtturi li jholqu prodott

ta' kwalità eċċezzjonali, fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi ffissati mill-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni

Il-lista tal-miżuri li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-"portafoll nazzjonali" għandu jkun fiha azzjonijiet għat-tisħiħ tal-vijabilità u tal-kompetittività tal-produzzjoni Komunitarja tal-qoton. B'mod partikolari tista' tiġi ffinanzjata l-produzzjoni tal-qoton ta' kwalità, bħala kumpens għall-isforzi magħmula mill-produtturi, u għandha titqiegħed enfasi fuq id-dimensjoni ambjentali tal-kultivazzjoni.

Emenda 35

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 110e a (ġdid) – Paragrafu 5 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-politiki jistgħu jiġu ffinanzjati bħala parti mill-programmi nazzjonali ta' appoġġ biex jitbassru, jittaffew u jiġu miġġielda l-effett tal-bidla tal-klima fuq reġjuni li jipproduċu l-qoton.

Amendement 36

Proposta għal regolament – att li jemenda

L-Artikolu 1, punt 1 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 143 d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Jitħassar l-Artikolu 142 d.

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċifra ta' EUR 22 miljun, li hija ekwivalenti għal 2.74% ta' l-għajjnuna, ġejja mill-ewwel pilastru, u jaqbel li tibqa' taqa' taħt l-ewwel pilastru, sabiex jittieħdu kemm jista' jkun vantaġġi minn din iċ-ċifra permezz tal-programmi nazzjonali ta' appoġġ.

Emenda 37

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikol 1, put 1 b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1782/2003

Artikolu 155 a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Artikolu 155 b jiġi mibdul b'dan it-test:

"Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009 l-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament rigward [...] iż-żejt taż-żebbuġa, iż-żejt tal-mejda u l-pjantaġġuni taż-żebbuġ, it-tabakk u l-ħops, flimkien ma' proposti adegwati jekk ikun il-każ.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-qoton għandhom jibqgħu fis-seħħ sa l-2013."

Ġustifikazzjoni

L-iskema l-ġdida ta' għajjnuna għall-qoton m'għandhiex tiġi riveduta sa l-2010, hekk kif previst fl-Artikolu 155 (a) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Il-produtturi Komunitarji tal-qoton għandhom ikunu jistgħu jistrieħu fuq qafas regolamentari stabbli sabiex ikunu jistgħu jipprogramaw l-attivitajiet tagħhom.

NOTA SPJEGATTIVA

L-iskema Komunitarja ta' għajnuna għall-qoton

Is-settur tal-qoton huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira għal ċerti reġjuni ta' l-UE, partikolarment il-Greċja u Spanja. Għalkemm id-daqs tal-kultivazzjonijiet tal-produzzjoni tal-qoton huwa ristrett (4,5 ħa fil-Greċja u 11 ħa fi Spanja), il-qoton xorta waħda jirrappreżenta, rispettivament, 9% u 1.3% tal-produzzjoni agrikola globali tal-Greċja u ta' Spanja (dejta ta' l-2005). Id-dħul tal-produtturi, li huwa sodisfaċenti skond id-dejta attwali, jippermetti li jibqgħu attivi numru notevoli ta' kultivazzjonijiet żgħar u medji (79 700 fil-Greċja u 9 500 fi Spanja) kif ukoll li jinżamm ċertu numru ta' fabbriki ta' ħalg (73 fil-Greċja u 29 fi Spanja).

L-iskema Komunitarja ta' għajnuna għall-qoton ġiet stabbilita fl-1981, permezz tal-protokoll Nru 4 għall-Att ta' Sħubija tal-Greċja fil-KEE, u mbagħad kibret fl-1986 bl-isħubija ta' Spanja u tal-Portugall. *L-għan tagħha kien li "ikun hemm appoġġ tal-produzzjoni tal-qoton fir-reġjuni Komunitarji fejn din hija importanti għall-ekonomija agrikola, ikun hemm dħul għust għall-produtturi kkonċernati u jiġi stabilizzat is-suq permezz tat-titjib ta' l-istrutturi fil-livell ta' l-offerta u tat-tqegħid fis-suq".*

L-iskema inizjali kienet tipprevedi l-għoti ta' għajnuna ta' kumpens lil min jipproċessa l-qoton, u dawn kienu jagħtu *prezz minimu* lill-produtturi tal-qoton. L-ammont ta' l-għajnuna kien jiddependi fuq il-prezz tal-qoton fis-swieq internazzjonali.

Ir-riforma tal-politika agrikola komuni, li tnediet fl-2003, kienet tistrieħ fuq il-prinċipju ta' appoġġ għad-dħul ta' l-agrikolturi permezz ta' għajnuna u ta' miżuri akkoppjati tal-produzzjoni (Regolament (KE) 1782/2003), sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-produzzjoni Komunitarja filwaqt li jiġi stabilizzat id-dħul agrikolu. Sabiex is-settur tal-qoton ikun konformi ma' l-organizzazzjonijiet komuni l-oħra tas-suq, ġie deċiż li, mill-2006, tiġi implimentata skema ġdida li jkun fiha għajnuna akkoppjata għad-dħul mill-produzzjoni kif ukoll appoġġ speċifiku bbażat fuq l-art, billi dawn iż-żewġ għajnuniet għandhom jingħataw direttament lill-produtturi.

Spanja tat ġurisdizzjoni lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja billi dehrilha li din ir-riforma ma ġiet ippreċeduta bl-ebda studju ta' l-impatt, li l-ispejjeż diretti tal-ħidma ma kienux ġew ikkunsidrati u li ma kienx ittieħed kont tal-konsegwenzi tar-riforma fuq l-industrija tal-ħalg. Permezz tas-sentenza C-310/04, il-Qorti Ewropea tat raġun lil Spanja u kkanċellat l-implimentazzjoni ta' l-iskema l-ġdida ta' għajnuna għall-qoton.

Il-proposta tal-Kummissjoni

L-elementi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni kienu dawn li ġejjin:

- Żamma tal-pagament uniku f'perċentwali ta' 65% u ta' l-għajnuna akkoppjata f'perċentwali ta' 35%, kif kien previst fir-riforma inizjali ta' l-2004.
- Żamma wkoll tal-medda massima għal 450 597 ħa, li minnhom 370 000 ħa fil-Greċja u 70 000 fi Spanja, 360 ħa fil-Portugall u 10 237 fil-Bulgarija, wara t-tkabbir reċenti ta' l-UE.
- Żamma ta' l-obbligu li l-produtturi jkunu konformi mal-kriterji ta' kundizzjonalità, li hija kundizzjoni minn qabel jekk huma jixtiequ jirċievu l-għajnuna akkoppjata, u dan sabiex

- tiġi mħeġġa l-produzzjoni ta' qoton fl-ikbar rispetta ta' l-ambjent.
- Obbligu li l-produtturi jiġbru l-qoton jekk jixtiequ jirċievu l-għajnuna akkoppjata, u dan għandu jkun konformi ma' ċerti regoli minimi ta' kwalita.
 - Tisħiħ propost ta' l-organizzazzjonijiet interprofessjonali, sabiex dawn ikunu jistgħu jikkontribwixxu b'iktar effikacija fl-azzjonijiet ta' appoġġ lis-settur. Il-produtturi membri ta' dawn l-organizzazzjonijiet se jirċievu għajnuna ulterjuri ta' 3 euro għal kull ettaru (minflok 10 euro għal kull ettaru hekk kif kien previst fir-riforma preċedenti).
 - Il-bqija ta' l-ammont miġbur fuq is-7 euro għal kull ettaru, li jammonta globalment għal EUR 3 miljun, se jkun iddestinat għal azzjonijiet ta' promozzjoni u ta' informazzjoni.
 - Żamma tat-trasferiment finanzjarju ta' ammont ta' EUR 22 miljun fis-sena, minħabba r-ristrutturazzjoni tar-reġjuni li jipproduċu l-qoton.
 - Ħolqien propost ta' "tabella ta' oriġini" bil-għan li jiġi promoss il-qoton Komunitarju.
 - Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tieħu l-impenn li teżamina l-possibilita li testendi għall-qoton il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' l-appellazzjonijiet ta' oriġini, u li dan il-prodott jitniżżel fil-lista tal-prodotti li tista' ssir informazzjoni u promozzjoni dwarhom.

Il-proposta hija finanzjarjament newtrali u hija bbażata fuq il-prinċipju tas-sussidjarjeta, peress li ma tindahax fil-kompetenzi ta' l-Istati Membri f'dak li jikkonċerna l-adozzjoni tal-meded iddestinati għall-produzzjoni tal-qoton, ta' l-għażla tal-varjetajiet, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali, it-tqassim tad-drittijiet għal għajnuna u l-iffissar ta' regoli ambjentali.

Valutazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni

Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja kkanċellat ir-riforma ta' l-iskema tal-qoton (Deċiżjoni C-310/04), il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni hija kważi identika għal dik preċedenti. Jidher għalhekk ċar li l-Kummissjoni Ewropea wettqet sempliċement proċedura formali relatata mal-kitba ta' l-istudji ta' l-impatt, mingħajr ma kkunsidrat, hekk kif kellha tagħmel, il-konsegwenzi serji li jista' jkollha l-adozzjoni ta' skema ġdida. Minbarra dan, mhuwiex sorprendenti li kemm kemm sena wara l-implimentazzjoni tar-riforma tal-COM tal-qoton, il-produzzjoni f'dan is-settur naqset b'20% fil-Greċja u b'iktar minn 50% fi Spanja. In-numru ta' kultivazzjonijiet agrikoli naqas bi 11% fil-Greċja u b'25% fi Spanja. F'dak li jikkonċerna l-fabbriki tal-halg, teżisti l-eventwalita li numru kbir fosthom jagħlu, minħabba li t-tħaddim tagħhom m'għadux vijabbi. L-elementi ta' hawn fuq iwasslu għall-konklużjoni li, malajr ħafna, id-dubbi espressi fir-rigward tar-riforma ta' l-2004 dwar l-effikacija ta' l-iskema l-ġdida ġew approvati bħala li kellhom bażi.

Meta tiġi eżaminata l-proposta, nistgħu naraw li l-kundizzjoni proposta li l-għajnuna tingħata biss jekk il-produtturi jiġbru l-prodott tikkostitwixxi pass fit-triq it-tajba, kif ukoll il-ħolqien ta' tabella ta' kwalita bil-għan li jiġi promoss il-qoton Komunitarju.

Ir-rapporteur jixtieq ukoll jenfasizza li huwa neċessarju li jsiru fatti, malajr kemm jista' jkun, l-impenzi meħuda mill-Kummissjoni biex tara li l-qoton jitniżżel eventwalment fost il-prodotti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-appellazzjonijiet ta' oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi, kif ukoll li jitniżżel fil-lista tal-prodotti li tista' ssir informazzjoni u promozzjoni dwarhom.

Il-proposti tar-Rapporteur

Ir-rapporteur iqis li d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tagħti l-opportunità li wieħed iwettaq, kemm ikun possibbli, korrezzjonijiet effikaċi, għall-benefiċċju tal-produzzjoni Komunitarja tal-qoton.

Huwa għalhekk illi, b'mod konkret, ir-rapporteur jipproponi:

- li tinżamm in-newtralità finanzjarja tal-proposta fir-rigward ta' l-għajjnuna akkoppjata, u dan jimplika li jitħallsu EUR 202,2 miljun għall-Greċja u EUR 72,73 miljun għal Spanja. Tenut kont tat-tnaqqis probabbli fil-firxa tal-meded ikkultivati, il-medda bażi tista' titnaqqas, minn 370 000 ħa għal 270 000 ħa għall-Greċja, billi l-ammont ta' għajjnuna akkoppjata jammonta mbagħad għal EUR 750 għal kull ettaru. Fil-każ ta' Spanja, il-medda bażi tista' wkoll titnaqqas bl-istess mod (minn 70 000 ħa għal 50 000 ħa), u għal dan ikun jikkorrispondi ammont ta' EUR 1450 għal kull ettaru;
- li l-Istati Membri, fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u sakemm huma jqisu li jkun neċessarju għall-vijabilità tal-fabbriki tal-ħalġ tagħhom, jingħataw il-possibilità li jagħżlu liberament perċentwali oġhla ta' l-għajjnuna akkoppjata, li madankollu m'għandhiex tkun ta' inqas minn 35%;
- li jinholq "portafoll nazzjonali" sabiex jingħelbu d-diversi problemi tas-settur tal-qoton, u dan għandu jiġi ffinanzjat minn perċentwali minima (bażika) ta' 1% fuq l-ammont globali ta' l-għajjnuna akkoppjata għall-qoton fl-Istati Membri kollha, permezz ta' aġġustament proporzjonali ta' l-għajjnuna għal kull ettaru. L-azzjonijiet iffinanzjati mill-portafoll nazzjonali, fuq għażla ta' l-Istat Membru, jistgħu jinkludu miżuri sabiex jingħelbu l-konsegwenzi ta' tnaqqis eventwali fil-produzzjoni, biex tiġi promossa r-ristrutturazzjoni tal-varjetajiet u modernizzata l-kultivazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-prodott, miżuri għall-appoġġ ta' metodi ta' kultivazzjoni fir-rispett ta' l-ambjent sabiex tiġi garantita ġestjoni iktar razzjonali tar-riżorsi ta' l-ilma u jiġi minimizzat l-użu ta' prodotti fitosanitarji, biex tiġi mħeġġa r-riċerka sabiex jinħolqu varjetajiet imtejba fuq il-livell kwalitattiv, tiġi appoġġjata r-ristrutturazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-fabbriki tal-ħalġ, eċċ.;
- li, tenut kont tal-fatt li l-eżistenza ta' problemi serji fis-settur (essenzjalment fuq il-livell tal-kompetittività) tista' twassal għal tnaqqis, lil hinn mil-limiti ffissati għad-diversi Stati Membri, tal-firxa ta' meded ikkultivati, il-krediti li ma jintużawx mill-għajjnuna akkoppjata għandhom jiġu trasferiti għall-portafoll nazzjonali, biex jikkontribwixxu ħalli jingħelbu l-problemi msemmija qabel;
- li fil-portafoll nazzjonali jiġu inklużi l-fondi destinati għar-ristrutturazzjoni tar-reġjuni li jipproduċu l-qoton, li jammontaw għal EUR 22 miljun (li huwa ekwivalenti għal 2.74% ta' l-għajjnuna) u li ma kellhomx jiġu trasferiti għat-tieni pilastru;
- li parti mill-approprijazzjoniet tal-portafoll nazzjonali tingħata lill-produtturi li joħolqu prodott ta' kwalità, fuq il-bażi ta' kriterji preċiżi, bħala inċentiv għall-kwalità, sabiex tittejjeb il-kompetittività tal-qoton Komunitarju;
- li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill relatati mal-COM tal-qoton għandhom jibqgħu fis-seħħ sa l-2013, u mhux sa l-2010, hekk kif previst mir-Regolament Nru 1782/2003.

Konklużjonijiet

Is-salvagwardja ta' settur għani ta' l-agrikoltura Komunitarja bħal dak tal-qoton tikkostitwixxi neċessità imperjuża, u m'għandniex ninjoraw:

a) il-konsegwenzi ekonomiċi li jistgħu joħorġu mill-abbandun ta' din il-kultivazzjoni, li tikkostitwixxi attività tradizzjonali fil-pajjiżi fejn il-qoton jiġi kkultivat; f'ċerti reġjuni ta'

- dawn il-pajjiżi, id-dħul huwa dovut unikament għall-kultivazzjoni tal-qoton;
- b) id-dimensjoni ambjentali tal-problema, minħabba li l-kultivazzjoni tal-qoton tikkontribwixxi wkoll għall-preservazzjoni tal-pajsaġġ u għall-ġlieda kontra l-erożjoni ta' l-art li ma tibqax tintuża;
- c) il-kriterji soċjali marbuta ma' l-abbandun tal-kampanja, in-non vijabilità tal-fabbriki tal-halg u ż-żieda fil-qgħad li tirriżulta minn dan.

Billi kkanċellat ir-riforma tal-COM tal-qoton fl-2004, il-Qorti tal-Ġustizzja tatna l-okkażjoni sabiex neżaminaw mill-ġdid, fi żmien utli, din l-iskema kif ukoll il-possibilità li jiġu adottati regoli bil-għan li jiġi garantit żvilupp sostenibbli tas-settur tal-qoton. Huwa importanti li s-settur li jikkostitwixxi l-produzzjoni Komunitarja tal-qoton jibqa' għani u jiġu salvagwardjati d-79,700 kultivazzjoni fil-Greċja u d-9500 fi Spanja, b'livelli ta' produzzjoni sodisfaċenti li jippermettu li tkun appoġġjata l-vijabilità ta' l-industrija tal-halg, li tiggarrantixxi 3200 impjieg fil-Greċja u 920 fi Spanja. Minbarra dan, għandna nikkunsidraw li l-qoton huwa prodott li hemm nuqqas tiegħu fl-UE u li mhux fuq il-baġit Komunitarju minħabba spejjeż marbuta ma' l-irtirar u ma' sussidji għall-esportazzjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (għajjnuna fil-qasam tal-qoton)		
Referenzi	COM(2007)0701 – C6-0447/2007 – 2007/0242(CNS)		
Data meta ġie kkonsultat il-PE	3.12.2007		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 10.12.2007		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 10.12.2007		
Opinjoni mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	BUDG 18.12.2007		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Ioannis Gklavakis 21.11.2007		
Diskussjoni fil-kumitat	29.1.2008	1.4.2008	17.4.2008
Data ta' l-adozzjoni	17.4.2008		
Riżultat tal-vot finali	+: -: 0:	28 6 0	
Membri preżenti għall-vot finali	Vincenzo Aita, Peter Baco, Sergio Berlato, Bernadette Bourzai, Luis Manuel Capoulas Santos, Giuseppe Castiglione, Albert Deß, Carmen Fraga Estévez, Ioannis Gklavakis, Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Esther Herranz García, Lily Jacobs, Heinz Kindermann, Vincenzo Lavarra, Stéphane Le Foll, Diamanto Manolakou, Rosa Miguélez Ramos, Neil Parish, Vincent Peillon, María Isabel Salinas García, Willem Schuth, Czesław Adam Siekierski, Petya Stavreva, Witold Tomczak, Andrzej Tomasz Zapalowski		
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Pilar Ayuso, Alessandro Battilocchio, Alejandro Cercas, Wiesław Stefan Kuc, Hans-Peter Mayer, Zdzisław Zbigniew Podkański, Kyösti Virrankoski		
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali	Francisca Pleguezuelos Aguilar, Luis Yañez-Barnuevo García		
Data tat-tressiq	22.4.2008		